SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

21 ta' Diċembru 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Direttiva 2003/87/KE – Artikolu 11(3) – Deċiżjoni 2011/278/UE – Artikolu 3(b) u Artikolu 10(2)(a) – Subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju ta' prodott – Deċiżjoni 2013/448/UE – Validità – Installazzjoni li tuża konvertitur tal-ossiġnu – Metall sħun f'forma likwida – Input li ġej minn installazzjoni terza – Rifjut ta' allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet – Ammissibbiltà – Nuqqas ta' preżentata ta' rikors għal annullament mir-rikorrent fil-kawża prinċipali"

Fil-Kawża C-524/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Settembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Ottubru 2020, fil-proċedura

Vítkovice Steel a.s.

vs

Ministerstvo životního prostředí,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn C. Lycourgos (Relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Għaxar Awla, I. Jarukaitis u M. Ilešič, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: H. Saugmandsgaard Øe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Vítkovice Steel a.s., minn O. Hájek, advokát,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u O. Serdula, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Wils, B. De Meester u P. Ondrůšek, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) u tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 631), kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU 2009, L 140, p. 63) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/87"), kif ukoll l-interpretazzjoni u l-validità, minn naħa, tal-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2011, L 130, p. 1), moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 1(1) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2013, L 240, p. 27).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Vítkovice Steel a.s. u l-Ministerstvo životního prostředí (il-Ministeru għall-Ambjent, ir-Repubblika Ċeka) (iktar 'il quddiem il-"Ministeru") dwar ir-rifjut tal-allokazzjoni lil din il-kumpannija ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas għall-perijodu 2013-2020 għall-operat fir-Repubblika Ċeka ta' installazzjoni tal-azzar bl-isem Ocelárna I u li għandu l-identifikatur CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05 (iktar 'il quddiem l-"installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2003/87

3 Bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/87 jiddisponi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għall-emissjonijiet mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I u għall-gassijiet serra elenkati fl-Annes II."

4 L-Anness I ta' din id-direttiva jinkludi, fil-kolonna "Attività", il-produzzjoni tal-ħadid mhux maħdum jew tal-azzar (fissjoni primarja jew sekondarja) inkluż it-tagħmir għall-ikkastjar kontinwu, b'kapaċità li taqbeż 2.5 tunnellata fis-siegħa. Il-kolonna "Il-gassijiet serra" tal-imsemmi anness issemmi, bħala korrispondenti għal din l-attività, id-diossidu tal-karbonju (CO_2).

5 L-Artikolu 10a ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Sal-31 ta' Diċembru 2010, il-Kummissjoni għandha tadotta, miżuri ta' implimentazzjoni sabiex ikunu applikabbli mal-Komunità kollha li jkunu kompletament armonizzati għall-allokazzjoni tal-kwoti msemmija fil-paragrafi 4, 5, 7 u 12 inkluża kwalunkwe dispożizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni armonizzata tal-paragrafu 19 ta' dan l-Artikolu.

Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, billi jissupplimentawha, għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 23(3).

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti ta' riferiment ex ante Komunitarji sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gass serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tas-CO_2, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdiedu l-emissjonijiet. […]

Fil-prinċipju, għal kull settur u subsettur, il-punt ta' riferiment għandu jiġi kkalkulat għall-prodotti aktar milli għall-inputs, sabiex jiġu mmassimizzati kemm jista' jkun it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar mill-effiċjenza enerġetika matul kull proċess ta' produzzjoni tas-settur jew subsettur ikkonċernat.

[…]"

6 L-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Sat-30 ta' Settembru 2011, kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni lista ta' istallazzjonijiet koperti b'din id-Direttiva fit-territorju tagħha u kull allokazzjoni gratis għal kull istallazzjoni fit-territorju tagħha kkalkolata konformement mar-regoli kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) u fl-Artikolu 10c.

2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-kwantità tal-kwoti li għandhom jiġu distribwiti għal dik is-sena, ikkalkolata taħt l-Artikoli 10, 10a u 10c.

3. L-Istati Membri ma jistgħux joħorġu kwoti gratis taħt il-paragrafu 2 lil istallazzjonijiet li ġew miċħuda mill-Kummissjoni milli jinkitbu fil-lista msemmija fil-paragrafu 1."

Id-Deċiżjoni 2011/278

7 Skont l-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni 2011/278, "subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju ta' prodott" tfisser "id-dħul, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti relatati mal-produzzjoni ta' prodott li għalih kien stipulat parametru referenzjarju fl-Anness I".

8 L-Artikolu 10(1), (2) u (8) ta' din id-deċiżjoni, intitolat "L-allokazzjoni fil-livell ta' installazzjoni", jiddisponi:

"1. Fuq il-bażi tad-dejta miġbura skont l-Artikolu 7, l-Istati Membri għandhom, għal kull sena, jikkalkolaw in-numru ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas mill-2013 'il quddiem lil kull installazzjoni eżistenti fit-territorju tagħhom skont il-paragrafi 2 sa 8.

2. Għall-fini ta' din il-kalkolazzjoni, l-Istati Membri għandhom l-ewwel jiddeterminaw in-numru annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil kull subinstallazzjoni separatament kif ġej:

(a) għal kull subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju ta' prodott, in-numru annwali preliminari tal-kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għal sena partikolari għandu jikkorrispondi mal-valur ta' dan il-parametru referenzjarju ta' prodott hekk kif imsemmi fl-Anness I immultiplikat bil-livell storiku ta' attività relatat mal-prodott rilevanti;

[…]

8. Meta jiddeterminaw l-ammont annwali totali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil kull installazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet ma jingħaddux darbtejn u li l-allokazzjoni ma tkunx negattiva. B'mod partikolari, meta prodott intermedjarju li huwa kopert b'parametru referenzjarju ta' prodott skont id-definizzjoni tal-konfini tas-sistema rispettivi stipulati fl-Anness I jiġi importat minn installazzjoni, l-emissjonijiet ma għandhomx jingħaddu darbtejn meta jkun stabbilit l-ammont annwali totali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas liż-żewġ installazzjonijiet kkonċernati."

9 L-Anness I ta' din l-istess deċiżjoni, intitolat "Parametri referenzjarji ta' prodott", jistabbilixxi l-valur tal-parametru referenzjarju għal ċerti prodotti elenkati b'mod eżawrjenti, fosthom il-prodott "metall sħun", li huwa ddefinit bħala "[ħ]adid likwidu saturat bil-karbonju għal aktar ipproċessar". Barra minn hekk, dan l-anness jippreċiża l-proċessi u l-emissjonijiet inklużi fil-parametru referenzjarju ta' prodott, li, fir-rigward tar-referenzjarju tal-prodott "metall sħun", huma "l-proċessi kollha relatati direttament jew indirettament mal-[unitajiet] ta' proċess" fosthom, b'mod partikolari, il-"forn tal-ossiġnu".

Id-Deċiżjoni 2013/448

10 Il-premessa 14 tad-Direttiva 2013/448 tindika:

"Rigward l-applikazzjoni tal-valur referenzjarju għall-metall jaħraq [fil-miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni (NIMs)] proposti mir-Repubblika Ċeka, […] il-Kummissjoni tinnota li l-allokazzjoni għall-installazzjoni elenkata taħt il-punt C bl-identifikatur CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05 tqies il-proċessi koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-metall jaħraq. Iżda din l-installazzjoni ma tipproduċix il-metall jaħraq, imma timpurtah. Minħabba li mhemmx produzzjoni tal-metall jaħraq fl-installazzjoni bl-identifikatur CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05, u b'hekk mhemmx installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjarju korrispondenti tal-prodott li kienet tippermetti d-determinazzjoni tal-allokazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-allokazzjoni proposta mhijiex konsistenti

mar-regoli tal-allokazzjoni u tista' tagħti lok għal kalkolu doppju. Għaldaqstant il-Kummissjoni toġġezzjona għall-allokazzjoni lill-installazzjonijiet elenkati fil-punt C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni."

11 L-Artikolu 1(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni jipprevedu:

"1. Hija miċħuda r-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet elenkati fl-Anness I ma' din id-Deċiżjoni fil-listi ta' installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE li tressqu lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE u tal-għadd totali annwali preliminari korrispondenti ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil dawn l-installazzjonijiet.

2. […]

Ma jitqajmux oġġezzjonijiet jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 u elenkati fil-punt C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 b'konformità mal-Artikolu 10(9) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE sakemm l-emenda tkun biex tikkonforma l-allokazzjoni mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278/UE u teskludi kull allokazzjoni għal proċessi li huma koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall jaħraq, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE lil installazzjoni li ma tipproduċix, iżda timporta l-metall jaħraq, li inkella iwassal għal kalkolu doppju."

Id-dritt Ċek

12 L-Artikolu 2(a) taż-Zákon č. 383/2012 Sb., o podmínkách obchodování s povolenkami na emise skleníkových plynů (il-Liġi Nru 383/2012 dwar il-Kundizzjonijiet għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra) tal-24 ta' Ottubru 2012 jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi, 'installazzjoni' tfisser unità teknika stazzjonarja, fejn jitwettqu attività waħda jew iktar indikati fl-Anness Nru I ta' din il-liġi jew attivitajiet oħra relatati direttament, li huma marbuta teknikament mal-attivitajiet imwettqa fuq is-sit ikkonċernat u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet; l-unitajiet tekniċi fissi użati għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda ma humiex meqjusa bħala installazzjonijiet."

13 Bis-saħħa tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(1) ta' din il-liġi, il-Ministeru jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni mingħajr ħlas ta' kwoti lill-operaturi tal-installazzjoni jew tal-inġenji tal-ajru kull sena fil-perijodu ta' skambju bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-31 ta' Diċembru 2020, permezz ta' proċedura u skont kwantità kkalkolata abbażi tal-valuri ta' referenza stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni.

14 L-Anness Nru I tal-imsemmija liġi jinkludi, fil-kolonna "Attivitajiet", il-produzzjoni tal-ħadid mhux maħdum jew tal-azzar (fissjoni primarja jew sekondarja), inkluż permezz ta' kkastjar kontinwu, b'kapaċità li taqbeż 2.5 tunnellata fis-siegħa. Fl-istess linja, fil-kolonna "Gassijiet serra", hemm indikat id-diossidu tal-karbonju (CO_2).

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Sat-30 ta' Novembru 2015, Vítkovice Steel użat l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha kien jintuża konvertitur tal-ossiġnu. Il-metall sħun (ħadid likwidu saturat bil-karbonju), użat bħala input fil-kuntest ta' dan il-proċess intermedju tal-produzzjoni tal-azzar, kien ġej minn installazzjoni viċina li dak iż-żmien kienet operata minn ArcelorMittal Ostrava a.s.

16 Fl-2013, Vítkovice Steel talbet mingħand l-awtoritajiet Ċeki l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas għall-perijodu 2013-2020 għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi bbażat ruħha fuq l-użu ta' konvertitur tal-ossiġnu, peress li dan il-proċess kien imsemmi fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278.

17 Il-Ministeru inkluda din l-installazzjoni fl-abbozz ta' lista tal-installazzjonijiet eliġibbli għall-kwoti mingħajr ħlas ippreżentata lill-Kummissjoni konformement mal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87.

18 Hija interpretat id-Deċiżjoni 2011/278 fis-sens li l-kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas setgħu jiġu allokati lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali sakemm jiġi eliminat kull riskju ta' għadd doppju mal-emissjonijiet li ġejjin mill-installazzjoni ta' ArcelorMittal Ostrava.

19 Konsegwentement, il-Ministeru fittex formula li tippermetti l-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas lil Vítkovice Steel u ArcelorMittal Ostrava li tirrifletti l-emissjonijiet tal-installazzjonijiet rispettivi tagħhom filwaqt li jevitaw l-għadd doppju tagħhom jew l-allokazzjoni doppja tal-kwoti marbuta mal-prodott "metall sħun". Wara l-ftehim ta' dawn il-kumpanniji fuq tali formula ta' tqassim, il-Ministeru informa lill-Kummissjoni b'dan.

20 F'ittra tas-16 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni tenniet li ma kienx possibbli li l-kwoti jitqassmu bejn Vítkovice Steel u ArcelorMittal Ostrava. Hija ppreċiżat li, għalkemm l-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni 2011/278 jeżiġi li Stat Membru jipprekludi l-allokazzjoni doppja tal-kwoti, madankollu, din id-dispożizzjoni ma tippermettix it-tqassim tal-kwoti bejn żewġ operaturi ta' installazzjonijiet differenti.

21 Fil-5 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2013/448. Permezz tal-Artikolu 1(1) ta' din id-deċiżjoni, moqri flimkien mal-punt C tal-Anness I tagħha, il-Kummissjoni rrifjutat l-inklużjoni tal-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-lista tal-installazzjonijiet li jibbenefikaw minn kwoti mingħajr ħlas. Fil-premessa 14 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni indikat li din l-installazzjoni "ma tipproduċix il-metall jaħraq, imma timpurtah" u, "[m]inħabba li mhemmx produzzjoni tal-metall jaħraq […] u b'hekk mhemmx installazzjoni sekondarja tal-valur referenzjarju korrispondenti tal-prodott li kienet tippermetti d-determinazzjoni tal-allokazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/278/UE, l-allokazzjoni proposta mhijiex konsistenti mar-regoli tal-allokazzjoni u tista' tagħti lok għal kalkolu doppju".

22 Minkejja li ma qabilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, il-Ministeru kkomunika, f'ittra tas-16 ta' Ottubru 2013, li huwa kien qiegħed jagħmel notifika dwar l-allokazzjoni provviżorja tal-kwoti kollha għall-installazzjoni ta' ArcelorMittal Ostrava biss.

23 Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Lulju 2014, il-Ministeru ma alloka l-ebda kwota mingħajr ħlas għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għall-perijodu 2013-2020. Vítkovice Steel ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni, li l-ministr životního prostředí (il-Ministru għall-Ambjent, ir-Repubblika Ċeka) (iktar 'il quddiem il-"Ministru") ċaħad fit-12 ta' Novembru 2014.

24 Ir-rikors ippreżentat minn Vítkovice Steel kontra dan ir-rifjut ġie miċħud fl-ewwel istanza permezz ta' sentenza tal-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) tad-9 ta' Frar 2017. Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Frar 2018, in-Nejvyšší správní soud (il-Qorti Amministrattiva Suprema, ir-Repubblika Ċeka) annullat dik is-sentenza minħabba nuqqas ta' motivazzjoni u bagħtet il-kawża lura lill-qorti tal-ewwel istanza, wara li kkunsidrat li ma jistax jiġi konkluż b'mod inekwivoku li d-Deċiżjoni 2013/448 indikat inkontestabbilment li l-ebda kwota ma kienet dovuta għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali minħabba li din tal-aħħar ma tipproduċix metall sħun. Permezz ta' sentenza tal-4 ta' April 2018, il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) annullat id-deċiżjoni kkontestata tal-Ministru u bagħtet il-kawża lura lilu.

25 Konsegwentement, fit-28 ta' Ġunju 2018, il-Ministru annulla d-deċiżjoni tal-Ministeru tat-23 ta' Lulju 2014. Sussegwentement, permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Awwissu 2018, il-Ministeru alloka lil Vítkovice Steel għas-snin 2013-2020 preċiżament l-istess numru ta' kwoti mingħajr ħlas bħal dak li kien allokat lilha fid-deċiżjoni inizjali tat-23 ta' Lulju 2014. Ilment ippreżentat minn Vítkovice Steel kontra din id-deċiżjoni ġiet miċħuda b'deċiżjoni tal-Ministru tal-31 ta' Diċembru 2018. Permezz ta' din l-aħħar deċiżjoni, il-Ministru qies li ma setax jiddeċiedi li talloka kwoti mingħajr ħlas għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali peress li, permezz tad-Deċiżjoni 2013/448, il-Kummissjoni kienet opponiet dan, skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87. Il-Ministru enfasizza wkoll li Vítkovice Steel ma kinitx għadha topera din l-installazzjoni mill-2015 u li, minn dak iż-żmien, hija ma setgħetx tibbenefika iktar minn kwoti għall-imsemmija installazzjoni.

26 Vítkovice Steel ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra d-deċiżjoni tal-Ministru tal-31 ta' Diċembru 2018. Hija ssostni, essenzjalment, li l-Ministeru injora d-deċiżjonijiet preċedenti tal-qrati amministrattivi li minnhom jirriżulta li dan tal-aħħar interpreta d-Deċiżjoni 2013/448 b'mod żbaljat u li huwa possibbli li jiġu allokati retroattivament kwoti lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, anki jekk din ma għadhiex tintuża.

27 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk l-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni 2011/278, moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, jeżiġix l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas, għall-perijodu 2013-2020, għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bil-kundizzjoni li jiġi żgurat li la jkun hemm għadd doppju tal-emissjonijiet u lanqas allokazzjoni doppja ta' kwoti intiżi għall-prodott "metall sħun".

28 F'dan ir-rigward, dik il-qorti hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni 2011/278 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kwoti mingħajr ħlas kellhom jiġu allokati lill-installazzjoni ta' Vítkovice Steel skont l-Artikolu 10a(1) u (5) tad-Direttiva 2003/87.

29 L-imsemmija qorti tenfasizza, fl-ewwel lok, li l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2003/87 u għalhekk kienet taqa' taħt l-iskema għall-iskambju ta' kwoti. Fil-fatt, huwa stabbilit, minn naħa, li din l-installazzjoni, li l-proċess użat fiha kien "konvertitur tal-ossiġenu", kienet taqa', b'mod ġenerali, taħt attività li għaliha tapplika din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, li tali proċess jiġġenera emissjonijiet ta' CO_2. Barra minn hekk, mid-Deċiżjoni 2013/448 jirriżulta li, anki jekk il-Kummissjoni kkonfermat li l-proċess "konvertitur tal-ossiġenu" jipproduċi inqas emissjonijiet mill-proċess ta' produzzjoni ta' metall sħun, din l-istituzzjoni ma ċaħditx li ċerti emissjonijiet xorta waħda huma ġġenerati mill-ewwel wieħed minn dawn il-proċessi. Għalhekk, li kieku l-ebda kwota mingħajr ħlas ma kienet, bi ksur tad-Direttiva 2003/87, ġiet allokata lil installazzjoni li għandha taqa' taħt l-iskema għall-iskambju ta' kwoti, il-loġika ekonomika li fuqha hija bbażata din l-iskema tiġi miċħuda.

30 Il-qorti tar-rinviju tfakkar, fit-tieni lok, li mill-kliem tal-premessa 14 tad-Deċiżjoni 2013/448 jirriżulta li l-Kummissjoni opponiet li l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tibbenefika minn kwoti mingħajr ħlas minħabba li din "ma tipproduċix il-metall jaħraq, imma timpurtah".

31 Issa, tali konstatazzjoni tneħħi kull sinjifikat mill-parti tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/278, li fiha l-Kummissjoni inkludiet, għall-finijiet tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas, taħt il-prodott "metall sħun", ukoll il-proċess "forn tal-ossiġnu", li fih il-metall sħun huwa input. Il-formulazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/278 b'hekk ħolqot aspettattivi leġittimi għall-operaturi kkonċernati, li setgħu jistennew li jiġu allokati kwoti mingħajr ħlas lill-installazzjonijiet li jużaw konvertitur tal-ossiġnu. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li s-soluzzjoni adottata mill-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjoni hija konformi mal-għan tad-Direttiva 2003/87.

32 Fit-tielet lok, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni 2011/278, il-qorti tar-rinviju tindika li ma tifhimx ir-raġunijiet għalfejn il-Kummissjoni rrifjutat li tqassam il-kwoti ta' emissjonijiet marbuta mal-metall sħun bejn l-installazzjoni li fiha dan jiġi prodott u dak li fih jintuża, u dan proporzjonalment għall-emissjonijiet ta' CO_2 iġġenerati mill-attivitajiet ta' kull waħda minn dawn l-installazzjonijiet.

33 F'dan ir-rigward, ma hijiex sodisfaċenti s-soluzzjoni prevista mill-Kummissjoni li tikkonsisti fl-allokazzjoni tal-kwoti ta' emissjonijiet kollha mingħajr ħlas lil ArcelorMittal Ostrava, peress li din tista' sussegwentement tittrasferixxihom mingħajr ħlas lil Vítkovice Steel bis-saħħa ta' ftehim irregolat mid-dritt privat. Tali approċċ ma jiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li din tal-aħħar tibbenefika minn dritt suġġettiv għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas.

34 Għalhekk, fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni tmur kontra l-loġika ekonomika tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti, għaliex hija ċċaħħad, b'mod inġustifikat, lill-operatur ta' installazzjoni li fiha jseħħ proċess li jaqa' taħt l-iskema tal-kwoti, mill-possibbiltà li jikseb il-kwoti li huwa għandu dritt għalihom mingħajr ħlas u, jekk ikun il-każ, li jiskambjahom.

35 Barra minn hekk, is-soluzzjoni rrakkomandata mill-Kummissjoni, sa fejn hija bbażata fuq ftehim irregolat mid-dritt privat bejn iż-żewġ kumpanniji kkonċernati, tirriskja li toħloq distorsjoni serja tal-kompetizzjoni, u b'hekk tinjora l-għan tad-Deċiżjoni 2011/278.

36 Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, permezz tat-tieni domanda tagħha, jekk l-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni 2011/278, moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, huwiex invalidu sa fejn dan japplika għall-prodott "metall sħun". Hija tqis li din id-deċiżjoni għandha tiġi ddikjarata invalida minħabba ksur tad-Direttiva 2003/87 kif ukoll minħabba kontradizzjoni interna.

37 Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju tqis li għandu jiġi kkunsidrat, bħala risposta għat-tielet domanda, li d-Deċiżjoni 2013/448 hija wkoll invalida, sa fejn il-Kummissjoni ċaħdet il-proposta tar-Repubblika Ċeka li talloka kwoti mingħajr ħlas lil Vítkovice Steel għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

38 Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fl-affermattiv, hemm lok li tiġi eżaminata r-raba' domanda magħmula, sabiex jiġi ddeterminat jekk id-Deċiżjoni 2013/448 tistax tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lir-Repubblika Ċeka titlob, mill-ġdid, l-awtorizzazzjoni għall-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas favur Vítkovice Steel għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn jista' jiġi ggarantit li dan ma jwassalx għal għadd doppju tal-emissjonijiet u lanqas għal allokazzjoni doppja ta' kwoti.

39 Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għal din ir-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju tqis li għandha tistaqsi, fil-kuntest tal-ħames domanda, dwar il-validità tad-Deċiżjoni 2013/448 sa fejn din tikkonċerna l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

40 Fl-aħħar nett, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet, għar-raba' jew għall-ħames domanda, li timplika li d-dritt tal-Unjoni jeżiġi l-allokazzjoni ta' kwoti għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tingħata risposta għas-sitt domanda sabiex jiġi ddeterminat kif awtorità nazzjonali għandha tipproċedi, skont id-dritt tal-Unjoni, meta l-installazzjoni kkonċernata ma tibqax topera u, barra minn hekk, il-perijodu li għalih kellhom jiġu allokati l-kwoti jkun skada.

41 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni [2011/278], moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, jirrikjedi l-allokazzjoni mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perijodu 2013-2020 lil installazzjoni li fiha jseħħ proċess li jagħmel użu minn konvertitur tal-ossiġenu, fejn ir-riżors introdott fil-proċess huwa ħadid likwidu saturat bil-karbonju fornit minn installazzjoni oħra li tappartjeni lil operatur differenti, jekk fl-istess waqt jiġi żgurat li mhux se jkun hemm kalkolu doppju jew allokazzjoni doppja tal-kwoti intiżi għall-prodott metall sħun?

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni [2011/278], moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, huwa invalidu fir-rigward tal-prodott tal-metall sħun għar-raġuni li jmur kontra l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva [2003/87] moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-direttiva, possibbilment minħabba n-natura inkomprensibbli tiegħu?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, fid-dawl tan-nuqqas ta' sussistenza tal-bażi legali tiegħu, l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni [2013/448] ukoll huwa invalidu fir-rigward tal-[installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali]?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 1(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni [2013/448] fir-rigward tal-[installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu l-allokazzjoni tal-kwoti intiżi għall-prodott metall sħun lil din l-installazzjoni fuq il-bażi ta' applikazzjoni ġdida tar-Repubblika Ċeka, jekk jiġu eskluży l-kalkolu doppju jew l-allokazzjoni doppja ta' dawn il-kwoti?

5) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għar-raba' domanda, l-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni [2013/448] fir-rigward tal-[installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali] huwa invalidu għar-raġuni li jmur kontra l-Artikolu 10(8) tad-Deċiżjoni [2011/278] moqri flimkien mal-Anness I ta' din id-deċiżjoni?

6) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet, għar-raba' jew għall-ħames domanda, skont id-dritt tal-Unjoni kif għandha tipproċedi awtorità ta' Stat Membru li, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, ma allokatx mingħajr ħlas il-kwoti tal-emissjonijiet lill-operatur ta' installazzjoni li fiha jseħħ proċess li jagħmel użu minn konvertitur tal-ossiġenu f'sitwazzjoni fejn din l-installazzjoni ma għadhiex tiġi operata u l-perijodu li għalih ġew allokati l-kwoti skada, biex din l-awtorità timxi konformement mad-dritt tal-Unjoni?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq ir-raba' domanda

42 Permezz tar-raba' domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jippermettu li jiġu allokati lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas skont il-parametru referenzjarju ta' prodott "metall sħun", abbażi ta' applikazzjoni ġdida tar-Repubblika Ċeka, sakemm jiġu eskluży l-għadd doppju tal-emissjonijiet u l-allokazzjoni doppja tal-kwoti.

43 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, qabelxejn, li, skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87, kull Stat Membru għandu jippubblika u jippreżenta lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2011, lista ta' installazzjonijiet koperti minn din id-direttiva li jinsabu fit-territorju tagħhom, kif ukoll il-kwoti mingħajr ħlas allokati lil kull installazzjoni li tinsab fit-territorju tagħhom, ikkalkolati skont ir-regoli previsti fl-Artikolu 10a(1) u fl-Artikolu 10c tal-imsemmija direttiva. Sussegwentement, skont l-Artikolu 11(2) tal-imsemmija direttiva, sat-28 ta' Frar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-kwantità tal-kwoti li għandhom jiġu allokati għal dik is-sena, ikkalkolata konformement mal-Artikoli 10, 10a u 10c ta' din l-istess direttiva.

44 Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87, l-Istati Membri ma jistgħux jagħtu kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas bis-saħħa tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu lill-installazzjonijiet li l-Kummissjoni tkun irrifjutat li tinkludi fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 tal-imsemmi Artikolu 11.

45 Fil-5 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2013/448, skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87. Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) u mill-punt C tal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ċaħdet l-inklużjoni tal-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87, kif ukoll il-kwantitajiet annwali totali provviżorji korrispondenti ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil din l-installazzjoni.

46 Skont l-erbatax-il premessa tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipproduċix il-metall sħun, imma timportah. Din l-istituzzjoni tippreċiża, fl-istess premessa, li, fid-dawl tal-assenza ta' produzzjoni ta' metall sħun f'din l-installazzjoni u, għaldaqstant, l-assenza ta' subinstallazzjoni b'parametru referenzjarju ta' prodott korrispondenti li tippermetti li tiġi ddeterminata l-allokazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni 2011/278, l-allokazzjoni proposta għall-imsemmija installazzjoni ma hijiex kompatibbli mar-regoli għall-allokazzjoni u tirriskja li tagħti lok għal għadd doppju.

47 Għalhekk mill-Artikolu 1(1) u mill-punt C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2013/448, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87, jirriżulta li r-Repubblika Ċeka hija pprojbita milli talloka kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali skont il-parametru referenzjarju ta' prodott tal-metall sħun.

48 Ċertament, il-Kummissjoni ppreċiżat fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448 li hija ma tqajjimx oġġezzjoni "jekk Stat Membru jemenda l-ammonti totali annwali preliminari ta' kwoti tal-emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil installazzjonijiet fit-territorju tiegħu li qegħdin fil-listi msemmijin fil-paragrafu 1 [tal-Artikolu 1] u elenkati fil-punt C tal-Anness I ma' din id-Deċiżjoni qabel ma jiddetermina l-ammont annwali totali finali

għal kull sena bejn l-2013 u l-2020 […] sakemm l-emenda tkun biex tikkonforma l-allokazzjoni mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni [2011/278] u teskludi kull allokazzjoni għal proċessi li huma koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall jaħraq, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni 2011/278/UE lil installazzjoni li ma tipproduċix, iżda timporta l-metall jaħraq, li inkella iwassal għal kalkolu doppju".

49 Vítkovice Steel tqis, essenzjalment, li mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448, u b'mod partikolari mill-parti tas-sentenza "li inkella iwassal għal kalkolu doppju", jirriżulta li hija tista' tikseb l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas minħabba l-użu tal-metall sħun fl-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm jiġi evitat kull għadd doppju tal-emissjonijiet. L-emissjonijiet ta' CO_2 għal dan il-prodott u l-użu tiegħu fil-proċess tal-konvertitur tal-ossiġnu għandhom, għal dan l-għan, jitqassmu bejn l-installazzjoni tagħha u dik ta' ArcelorMittal Ostrava, li, sabiex timmanifattura wkoll l-azzar, tipproduċi hija stess, l-ewwel, il-metall sħun billi tuża fran sħan u, it-tieni, tuża dan il-metall sħun f'konvertitur tal-ossiġnu.

50 Madankollu, din l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni 2013/448 ma tistax tiġi aċċettata.

51 Fil-fatt, l-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278 jipprevedi r-regoli ta' kalkolu tan-numru annwali provviżorju ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għal kull "subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju ta' prodott", fejn dan il-kunċett huwa ddefinit fl-Artikolu 3(b) ta' din id-deċiżjoni, bħala "id-dħul, il-prodotti u l-emissjonijiet korrispondenti relatati mal-produzzjoni ta' prodott li għalih kien stipulat parametru referenzjarju fl-Anness I [tal-imsemmija deċiżjoni]". Għalhekk, konformement mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278, moqri fid-dawl tal-Artikolu 3(b) tagħha, ma jistax ikun hemm allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas lil subinstallazzjoni abbażi ta' parametru referenzjarju ta' prodott meta din is-subinstallazzjoni ma tipproduċix il-prodott inkwistjoni.

52 F'dan il-każ, peress li l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tipproduċix metall sħun, hija ma tistax tibbenefika minn kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas abbażi tal-parametru referenzjarju ta' prodott tal-metall sħun.

53 Huwa b'dan il-mod li għandha tinftiehem l-indikazzjoni li tinsab fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448, li skontha l-Kummissjoni taċċetta l-emenda, mill-Istat Membru kkonċernat, tal-kwantitajiet annwali totali provviżorji ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lill-installazzjonijiet, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huma elenkati fil-punt C tal-Anness I ta' din id-deċiżjoni, sakemm din l-emenda tirrendi l-allokazzjoni proposta konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(2)(a) tal-imsemmija deċiżjoni.

54 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-indikazzjoni espliċita, li tinsab fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448, li l-emenda li għandha ssir mill-Istat Membru kkonċernat għall-kwantità ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas għandha tikkonsisti fl-"[esklużjoni ta'] kull allokazzjoni għal proċessi li huma koperti mill-konfini tas-sistema tal-valur referenzjarju tal-prodott għall-metall jaħraq, kif iddefinit fl-Anness I mad-Deċiżjoni [2011/278] lil installazzjoni li ma tipproduċix, iżda timporta l-metall jaħraq, li inkella iwassal għal kalkolu doppju".

55 Fir-rigward ta' din l-aħħar parti tas-sentenza, dwar l-għadd doppju, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din tikkostitwixxi element ta' motivazzjoni addizzjonali sabiex tiġi ġġustifikata l-esklużjoni tal-allokazzjoni ta' kwoti mingħajr ħlas prevista fis-sentenza li minnha tagħmel parti. Fi

kwalunkwe każ, din il-fraži ma tistax tinqara bħala li tippermetti tali allokazzjoni għas-sempliċi kundizzjoni li jiġi ggarantit li din la twassal għall-għadd doppju tal-emissjonijiet u lanqas għal allokazzjoni doppja ta' kwoti. Fil-fatt, tali qari tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448 imur manifestament kontra l-formulazzjoni inekwivoka ta' din id-dispożizzjoni u, kif jirriżulta mill-punt 51 ta' din is-sentenza, jikser l-Artikolu 10(2)(a) tad-Deċiżjoni 2011/278.

56 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda hija li l-Artikolu 1(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2013/448 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux li jiġu allokati lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kwoti mingħajr ħlas skont il-parametru referenzjarju ta' prodott "metall sħun", abbażi ta' applikazzjoni ġdida tar-Repubblika Ċeka, anki jekk jiġu esklużi l-għadd doppju tal-emissjonijiet u l-allokazzjoni doppja tal-kwoti.

Fuq it-tielet u l-ħames domanda

57 Permezz tat-tielet u l-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, dwar il-validità tad-Deċiżjoni 2013/448.

58 Filwaqt li jibbaża ruħu fuq il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf (C-188/92, EU:C:1994:90) kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, Georgsmarienhütte *et* (C-135/16, EU:C:2018:582), il-Gvern Ċek isostni li dawn id-domandi huma inammissibbli peress li Vítkovice Steel kellha l-possibbiltà li tippreżenta rikors għal annullament kontra d-Deċiżjoni 2013/448, abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Peress li din il-kumpannija ma eżerċitatx din il-possibbiltà, in-natura definittiva tad-Deċiżjoni 2013/448 ma tistax tiġi kkontestata fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali.

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-possibbiltà għal parti f'kawża li tinvoka, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat quddiem qorti nazzjonali, l-invalidità ta' dispożizzjonijiet li jinsabu f'att tal-Unjoni, li jikkostitwixxi l-bażi ta' deċiżjoni nazzjonali meħuda fil-konfront tagħha, tippreżumi jew li hija tkun ippreżentat ukoll, abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, rikors għal annullament kontra dan l-att tal-Unjoni fit-termini stabbiliti, jew li ma tkunx ippreżentatu minħabba li ma kellhiex, mingħajr ebda dubju, id-dritt li tippreżenta tali rikors (sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Georgsmarienhütte *et*, C-135/16, EU:C:2018:582, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 F'dan il-każ, minkejja li l-qorti tar-rinviju tindika, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, li t-tielet u l-ħames domanda huma magħmula abbażi tar-raġunament tagħha stess u mhux sempliċement jirriproduċu l-argument ta' Vítkovice Steel, dik il-qorti tippreċiża li t-tilwima fil-kawża prinċipali tirrigwarda, b'mod partikolari, il-validità tad-Deċiżjoni 2013/448. Barra minn hekk, mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li Vítkovice Steel, fil-kuntest ta' din it-tilwima, talbet lill-qorti tar-rinviju tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari dwar il-validità tad-Deċiżjoni 2013/448. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk din il-kumpannija kellhiex, mingħajr ebda dubju, *locus standi* sabiex titlob l-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

61 F'dan ir-rigward, minn din l-aħħar dispożizzjoni jirriżulta li persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra att tad-dritt tal-Unjoni biss jekk l-imsemmija persuna tkun id-destinatarja ta' dan l-att jew jekk dan tal-aħħar jikkonċernaha direttament u individwalment.

62 F'dan il-każ, mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2013/448 jirriżulta li d-destinatarji tagħha huma l-Istati Membri. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk Vítkovice Steel hijiex direttament u individwalment ikkonċernata minn din id-deċiżjoni.

63 Minn naħa, fir-rigward tal-interess dirett ta' Vítkovice Steel, għandu jiġi rrilevat li, fid-dawl tal-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87 u kif jirriżulta mill-analiżi tar-raba' domanda, l-awtoritajiet Ċeki kienu obbligati, mingħajr l-iċken marġni ta' diskrezzjoni, jirrifjutaw li jallokaw lil Vítkovice Steel, għall-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas abbażi tal-parametru referenzjarju ta' prodott "metall sħun" ladarba l-Kummissjoni ċaħdet, permezz tad-Deċiżjoni 2013/448, tali allokazzjoni ta' kwoti. Għaldaqstant, Vítkovice Steel għandha titqies li hija direttament ikkonċernata minn din id-deċiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Georgsmarienhütte *et*, C-135/16, EU:C:2018:582, punti 29 u 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

64 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-inċidenza individwali ta' din il-kumpannija, mill-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni 2013/448 jirriżulta li l-Kummissjoni rrifjutat li tinkludi l-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-lista tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87 kif ukoll il-kwantitajiet annwali totali provviżorji ta' kwoti ta' emissjonijiet allokati mingħajr ħlas lil din l-installazzjoni, din tal-aħħar speċifikament indikata permezz ta' identifikatur individwali ("CZ-existing-CZ-52-CZ-0102-05"), fil-punt C tal-Anness I ta' din id-deċiżjoni.

65 L-imsemmija deċiżjoni b'hekk tolqot lil Vítkovice Steel minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għaliha jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzaha meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzaha b'mod simili għal dak tad-destinatarju (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Georgsmarienhütte *et*, C-135/16, EU:C:2018:582, punt 31 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi konkluż li Vítkovice Steel kellha, mingħajr ebda dubju, *locus standi* sabiex titlob l-annullament tad-Deċiżjoni 2013/448, abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Peress li Vítkovice Steel ma ppreżentatx rikors f'dan is-sens, din id-deċiżjoni saret definittiva fir-rigward tagħha. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti ta' ċertezza legali jwasslu għall-konklużjoni li n-natura definittiva tal-imsemmija deċiżjoni ma tistax tiġi kkontestata iktar fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-qorti tar-rinviju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1994, TWD Textilwerke Deggendorf, C-188/92, EU:C:1994:90, punti 17 u 18, kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, Georgsmarienhütte *et*, C-135/16, EU:C:2018:582, punt 15).

67 Konsegwentement, it-tielet u l-ħames domanda huma inammissibbli.

Fuq l-ewwel, it-tieni u s-sitt domanda

68 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ewwel, għat-tieni u għas-sitt domanda, peress li, ikunu xi jkunu r-risposti mogħtija għalihom, dawn ma jistax ikollhom konsegwenzi fuq l-eżitu tat-tilwima fil-kawża prinċipali, peress li d-Deċiżjoni 2013/448, li l-validità tagħha ma tistax tiġi kkontestata minn Vítkovice Steel, tipprekludi l-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 1(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/448/UE tal-5 ta' Settembru 2013 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jippermettux li jiġu allokati lill-installazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kwoti mingħajr ħlas skont il-parametru referenzjarju ta' prodott "metall sħun", abbażi ta' applikazzjoni ġdida tar-Repubblika Ċeka, anki jekk jiġu eskluży l-għadd doppju tal-emissjonijiet u l-allokazzjoni doppja tal-kwoti.

Firem